Minuti ta' kontinwazzjoni tal-erbgħin (40) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fis-Sala tal-Kommunita it-Tnejn 31 ta' Jannar 2011 fis-6.00pm.

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Kunsilliera: Is-Sur Horace Micallef
Is-Sur Lorry Apap

Segretarju Eżekuttiv: Is-Sur Karl Vella

Assenti: Il-Viċi Sindku Anthony Borg
Il-Kunsillier Victor Cefai

## 1. TALBA

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv beda l-laqgħa permezz ta' talba.

## 2. GĦOTI TA' OFFERTI

- *FONT 06/2010: Demolition of existing structure and construction of second phase of Fontana Civic Centre* – Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntrattur Peter Paul Said kien għaddielu t-*Time Schedule* għax-xogħolijiet relatati ma' din l-offerta, pero' hu ma ġabx it-Trading Licence f'ismu. Il-Kunsill qabel li nitolbu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk dan id-dokument hux neċessarju.

## 3. PERFORMANCE BONUS

Il-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv iddiskutew l-*performance* tas-Segretarju Eżekuttiv matul is-sena 2010. Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jingħata 9%. Il-membri preżenti taw ir-raġunijiet tagħhom u s-Segretarju Eżekuttiv qabel.

## 4. MATERJI OĦRA

5.1 Is-Sindku ppropona li:

5.1.1 Nitolbu li ssir laqgħa mad-Direttur ta' eko-Għawdex fejn jiġi diskuss it-tindif tal-Wied tax-Xlendi dwar kif ser isir ix-xogħol, peress li skond il-permess maħrug lill-Kunsill hemm *method statement* li jrid jiġi segwiet kif ukoll garanzija bankarja ta' €2,329. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ma kienx applika sabiex isir dan ix-xogħol taħt l-iskema relatata ma'


MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

eko-Għawdex maħruġa mill-Ministeru għal Għawdex għaliex ġie nfurmat mill-Vici Sindku li dan ser isir mill-Ministeru għal Għawdex.

5.1.2 Nerġgħu niktbu lil Perit Angelo Portelli sabiex naraw meta ser jibda x-xogħol biex isir it-taraġ f'tarf Triq ta' Mulejja. Il-Kunsillier Lorry Apap astjena. Il-membri tal-Kunsill qablu.

5.1.3 Li ssir ħarġa soċjo-kulturali ġewwa Malta fi Frar 2011. Il-membri tal-Kunsill qablu.

5.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li :

5.2.1 Kienet saritlu talba biex isir gandott fi Triq Għajn Tuta għan-naħa tal-Għajn ta' Bendu għaliex kull meta tagħmel ix-xita kien qiegħed jinżel ħafna ilma mit-taraġ ta' ħdejn it-*telephone box*.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm.

Karl Vella
Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt